**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Marzu, 2017**

Numru 2

**Rikors Nru. 189/2016**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Gatt u Mariella Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tad-9 ta’ Marzu, 2016 li jghid hekk:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc datat id-29 ta' Ottubru 1993 l-intimati Joseph Gatt u Mariella Gatt, gew konfermati debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' disgha u hamsin elf mitejn u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu u sitt millezmi (Lm59/290.54,6) ekwivalenti ghal mija tmienja u tletin elf mija u disa' ewro u tlieta u sebghin centezmu (€138,109.73); (kopja tas-sentenza immarkata Dok. HSBC1 hawn annessa);

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc datat it-30 ta' Marzu 1995 l-intimati Joseph Gatt u Mariella Gatt, gew konfermati debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' tlieta sittin mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm63,282.18) ekwivalenti ghal mija sebgha u erbghin elf erba mija u sebgha ewro u hamsa u sebghin centezmu (€147,407.75); (kopja tas-sentenza immarkata Dok. HSBC2 hawn annessa);

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc datat fl-4 ta' Ottubru 1995 l-intimati Joseph Gatt u Mariella Gatt, gew konfermati debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' hamsa erbghin elf tmien mija wiehed u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu u sitt millezmi Lm45,831.16,6) ekwivalenti ghal mija u sitt elef sebgha u

sebgha u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€106,757.83); (kopja tas-sentenza immarkata Dok. HSBC3 hawn annessa);

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc datat it-3 ta' Lulju 1995 l-intimati Joseph Gatt u Mariella Gatt, gew konfermati debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' elf u hames mija tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,552.28} ekwivalenti ghal tlett elef sitt mija u hmistax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€3,615.84); (kopja tas-sentenza immarkata Dok. HSBC4 hawn annessa);

Illi l-intimati baqghu debituri tas-socjeta rikorrenti;

Illi ghaddew izjed minn ghaxar snin mid-data tal-istess sentenza u s-socjeta rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;

Ghaldastant is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn ghaxar snin u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jecepixxi illi huwa mhuwiex debitur tal-Bank rikorrenti u dan stante li l-istess Bank thallas permess ta' numru ta' proceduri li jinkludu - i) b'referenza ghal sentenza Dok. HSBC1 - mandat ta' sekwestru 1710/95 u mandat ta' sekwestru 11/96, u in segwitu kien hemm bejgh in subbasta numru 92/1994 li fih nbieghu zewg proprjetajiet tal-esponenti; ii) b'referenza ghal sentenza Dok. HSBC2 - mandat ta' qbid numru 590/95; iii) b'referenza ghal sentenza Dok. HSBC3 - mandat ta' qbid numru 593/95, mandat ta' sekwestru 134/96 u mandat ta' sekwestru 133/96. Dan kollhu jigi ppruvat mill-esponenti meta jinghata l-opportunita li jipprezenta dawn d-dokumenti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-proceduri tal-falliment numru 1599/2001 Joseph Gatt vs X, il-Bank rikorrenti ma giex elenkat bhala wiehed mill-kredituri. F'digriet li nghata fis-26 ta' Settembru 2013, l-Onorabbili Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ddikjarat illi l-kredituri huma i) Mario Caruana; ii) Bank of Valletta plc; iii) Dr Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof u iv) Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u Servizzi. Illi ghalhekk jidher bic-car illi kieku l-Bank rikorrenti kien ghadu debitur tal-esponenti, huwa kien jippartecipa attivament fil-proceduri tal-falliment u jigi elenkat bhala wiehed mill-kredituri.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-artikolu 258(a) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceudra Civili, il-Bank rikorrenti kellhu jikkonferma bil-gurament li d-dejn jew parti minnu huwa dovut; illi dan qed jinghad ghaliex l-Bank rikorrent fir-rikors tieghu ma jammettix li saru hlasijiet akkont u dan permezz ta' numru ta' subbasti, u lanqas ma jiddikjara x'inhu l-bilanc li huwa qed jippretendi li ghadu dovut.

Jekk hemm bilanc li ghadu dovut dan ghandu jigi likwidat permezz ta' rikors guramentat fejn isir l-ezercizzju necessarju ta' verifika u konteggi.

Rat li l-konvenuta Mariella Gatt ma pprezentatx risposta u baqghet kontumaci;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

Din hija kawza maghmula a bazi tal-artikolu 258(a) tal-Kap. 12. Ma hemmx dubju illi l-bank attur ghandu favorih titoli ezekuttivi b'sentenzi tal-Qrati Maltin a bazi tal-artikolu 253(a) tal-Kap. 12 u illi ghaddew aktar minn hmistax-il sena mindu setghu jigu ezegwiti tali sentenzi. Kwindi saret il-procedura odjerna.

Il-Qorti tirrileva illi l-indagini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati kif inhi limitata t-talba ai termini tal-artikolu 258(a) tal-Kap. 12. Sahansitra fil-kawza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et** deciza fit-18 ta' April, 2002 inghad:

> "Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."

Din il-Qorti tqis pero illi s-smigh ta' rikors simili ghalkemm mhux obbligatorju jaghti lil partijiet kollha d-dritt ghal smigh xieraq u biex il-Qorti jkollha quddiemha kull fatt li jistghu jghinuha tasal ghad-decizjoni taghha.

Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(a) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga' jigi rez ezegwibbli. Billi jkun skada t-terminu li

fih dan it-titolu skond il-ligi seta' jigi ezegwit kontra d-debitu, il-ligi terga' ggedded a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 l-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv.

Kunsidrat l-aspett legali tal-azzjoni, irid jigi kunsidrat l-element fattwali tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi fis-sens illi mhux debitur tal-bank billi l-bank thallas permezz ta' subbasti 92/1994 li fiha nbieghu zewg proprjetajiet tal-konvenut (b'referenza ghas-sentenza ta' kreditu tal-bank tad-29 ta' Ottubru 1993); mandat ta' qbid 590/95 (b'referenza ghal kreditu tal-bank b'sentenza tat-30 ta' Marzu 1995); u mandat ta' qbid 593/95, mandat ta' sekwestru 134/96 u mandat ta' sekwestru 133/96 (b'referenza ghas-sentenza ta' kreditu tal-bank tal-4 ta' Ottubru 1995).

Il-konvenutipprezenta disa' dokumenti fosthom rikors ta' zbank tal-bank fl-ammont ta' Lm69,750 datat 22 ta' Marzu 1996 (Dok. JG2 a fol. 38 u 44 tal-process) li jirreferi ghal bejgh ta' razzett fis-Siggiewi u zewg cedoli ta' kompensazzjoni fl-ammont ta' Lm70,000 komplessivament, datati 2 ta' Lulju 1996 u 10 ta' Ottubru 1996 riferribli ghal fond 16 Qormi Road, Attard u 29 Mannarino Road, BKara (Dok. JG3 u JG4 a fol. 42 u 45 tal-process). Gew prezentati zewg noti ta' liberazzjoni ta' fondi favur il-bank (Dok. JG5 u JG6 a fol. 46 u 47 tal-process) li pero minn qari tan-noti jirrizulta illi n-nota (a fol. 46) hi korrezzjoni tan-nota JG6 u mhux zewg noti ta' liberazzjoni separati u jirreferu ghal fond 19 Triq Mriehel, BKara liberat favur il-bank ghas-somma ta' Lm4,600. Gie prezentat ukoll sekwestru tal-bank numru 134/96 li gie mnehhi mill-istess bank billi ddikjara li ma kellux fil-prezent interess izommu in vigore.

Kwindi jidher prima facie minn kontegg tal-kreditu wahdu paragunat mal-hlasijiet li saru mill-bejgh, illi l-bank thallas b'kollox Lm144,350 mill-kreditu dovut ta' Lm169,955 li maghhom irid jizdied l-imghax u l-ispejjez tal-kawza.

Il-bank jikkoncedi illi mir-rikavat kollu l-kreditu konness mal-ewwel sentenza gie migbur u ghalhekk mhux jinsisti aktar li l-ewwel sentenza tad-29 ta' Ottubru 1993 (Citaz. 695/93AM) terga' tigi reza ezegwibbli.

Il-konvenut jinsisti illi anki t-tieni sentenza hi ezawrita bi hlas tal-kreditu kollu dovut. Il-bank isostni illi meta tqis ir-rikavat bilancjali li dahhal il-bank wara li taqta' l-kreditu kollu mill-ewwel sentenza, u tqis il-bilanc dovut u imghaxijiet jibqa' bilanc favur il-bank ta' oltre €20,000 f'kapital u imghax. L-istatement tal-bank juri illi l-krediti kollha mill-bejgh saru biex jigu saldati l-krediti antiki l-ewwel. Il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni dwar kemm hu l-ammont realment dovut bhala balanc izda tillimita ruhha biss jekk jidhirx li l-kreditu hu saldat b'relazzjoni mas-sentenzi li fuqhom il-bank ghandu titolu ezekuttiv. L-istatement tal-bank juri illi bil-hlasijiet kollha li saru ghad jidher bilanc ta' kapital u imghax fuq it-tieni sentenza u ebda hlas fuq il-kreditu dovut fit-tielet u r-raba' sentenza li jaghti titolu ezekuttiv tal-bank. Il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-bank dwar il-kreditu dovut hu aktar plawsibbli u kredibbli mil-prova prodotta mill-konvenut.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hi fis-sens illi fil-proceduri ta' falliment kontra l-konvenut Joseph Gatt il-bank ma ppartecipax bhala wiehed mill-kredituri. Il-Qorti tqis li anki jekk dan hu minnu, ma jfissirx li ma jibqax kreditur kanonizzat b'sentenzi tal-Qorti. Il-fatt li ma ppartecipax fil-konkors tal-kredituri jista' semmai jkollu effett fuq ir-rikavar tal-kreditu u spejjez izda b'daqshekk ma jbiddel xejn mill-fatt li l-bank attur ottjena titoli ezekuttivi b'sentenzi tal-Qorti Maltin (ara artikolu 417 tal-Kap. 12). In oltre l-Qorti izzid li l-istess konvenut gie dikjarat fallut doluz b'sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2004 u ghalhekk ma jistax igawdi mill-effetti ta' beneficcju li taghti l-ligi lil fallut fosthom ta' riabilitazzjoni.

It-tielet eccezzjoni hi fis-sens li l-bank kellu jikkonferma bil-gurament li d-dejn jew parti mid-dejn ghadu dovut u f'dan il-kaz il-bank ma ddikjarax x'bilanc qed jippretendi. Kif gia ntqal, il-kompitu tal-Qorti hu li tistabilixxi li ghad hemm bilanc dovut fuq titoli ezekuttivi u mhux kemm hu ezattament il-bilanc. Dak ikun il-mertu ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet meta u jekk il-kreditur jipprova jezegwixxi t-titolu ezekuttiv ravvivat b'din il-procedura. Il-bank iddikjara li ghadu kreditur tal-konvenut b'dikjarazzjoni guramentata fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici izda limitatment ghas-sentenzi tat-30 ta' Marzu 1995, 4 ta' Ottubru 1995 u 3 ta' Lulju 1995 kif imsemmija fir-rikors guramentat. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur